MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru. 1200/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**Joel Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Joel Caruana ta’ 20 sena, iben Joseph u Dolores imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Jannar 1991, residenti 51A, Flat 3, Sqaq Brittaniku nru 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 88591(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Gewwa Ta’ Qali limiti ta’ H-Attard, Malta u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fis-16 ta’ Settembru 2011,

1) B’eghmil zieni, ikkorrompa lil JS, minuri ta’ erbatax(14)-il sena;

2) Ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-imsemmija minuri JS;

3) Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta u cioe JS;

4) Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’ lok espost ghall-pubbliku.

5) Ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti datata 22/11/2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Dicembru 2012 (esebit a fol.19 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Frar 2013 ghall-ewwel(1), it-tielet(3), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u

kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tielet(3), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll li l-agir tal-imputat kien jikkonsisti unikament billi huwa ppoza ghal ritratt mal-minuri fejn qed imissilha sidirha fuq il-hwejjeg u xejn aktar u fejn l-istess minuri tat il-kunsens taghha ghat-tehid tar-ritratt (Dok LC1) kif ikkonfermat mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur meta xehdet waqt l-udjenza tal-11 ta’ Dicembru 2012 u fic-cirkostanzi jidrilha li m’ghandiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203, 209, 204C, 28A sa H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum u testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fit-22 ta’ Novembru 2010 ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum. Stante li t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-minuri JS fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------